MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Numru. 821/2002

PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI
VS
RONALD AZZOPARDI
GIOSUE GAUCI
CHRISTOPHER SIVE CHRIS GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Ronald Azzopardi ta' 40 sena, iben John u Josephine nee Micallef, imwieled Rabat, fit-13 ta' Novembu 1961, residenti fl-indirizz No 5, Flat 6, Triq Guze Howard, Sliema detentur tal-karta tal-identita numru 700661M;
Giosue Gauci ta' 56 sena, iben il-mejjet Carmelo u Antonia nee Calleja, imwieled B'Kara fis-17 ta' Frar 1947, residenti fl-indirizz St Tropez, Triq ix-Xwieki, Gharghur, detentur tal-karta tal-identita numru 210147M; u
Christopher sive Chris Gauci ta' 26 sena, iben Giosue u Georgina nee Xerri imwieled San Giljan fil-2 ta' Dicembru 1975, residenti fl-indirizz Windsor Towers, Flat 11,

Windsor Terrace, Sliema detentur tal-karta tal-identita 19776M;
Talli bejn l-1 ta' Gunju 2000 u t-30 t'Awissu 2001 f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, wara li fil-kapacita taghhom ta' Diretturi tas-Socjeta O'Connors (Malta) Limited, approprijaw, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm22,689.05 migbura mis-socjeta bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilhom that titolu ili jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur tal-artiklu 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fuq kwerela tad-Dipartiment tal-VAT, tas-7 ta' Ottubru 2001, hija bdiet tinvestiga id-diretturi ta' O'Connor's Limited.

Illi apparti l-imputat, kien hemm zewg diretturi ohra cioe Giosue Gauci u Christopher Gauci. L-ahwa Gauci ammettew l-akkuzi dedotti kontrihom f'proceduri u skond is-sentenza "Pulizija vs Ronald Azzopardi omissis tal-11 ta' Marzu 2003 il-Qorti Kriminali annullat is-sentenza fil-konfront ta' Ronald Azzopardi u batghet l-atti lura lil Qrati tal-Magistrati (ara fol 29-30).

Mistoqsi jekk l-imputat kienx sleeping partner jew le fl-O'Connors l-ispettur Camilleri ma kenitx f'posizzjoni tirrispondi.

Mistoqsija jekk kenitx taf illi l-imputat, meta sar jaf bis-sitwazzjoni, mar u hallas min butu dak dovut lid-Dipartiment tal-VAT, l-ufficjal prosekutur xhedet illi il-pendenzi, gew imhallsa qabel id-dehra fil-Qorti, f'Novembru. Giet esebit a fol 39 et seq l-istqarrija tal-imputat.

Paul Scicluna mill-VAT Department, kkonferma il-kwerela u li l-ammonti kienu ta' Lm26,929.56 li minnhom kienu thallsu Lm4,244.51

Mix-xhieda jirrizulta illi l-judicial representation tal-kumpanija kien f'idejn Chris u Giosue Gauci.

Illi mill-ammont kollu dovut gie imhallas mill-imputat.

Ingabu provi dwar il-provenjenza tal-hlasijiet u cioe jirrizulta li l-imputat u mhux il-kumpanija O'Connors (Malta) Ltd hallas l-ammont dovut.

Illi l-imputat min-naha tieghu xhed illi huwa Manager ta' SMS Travel Services u involut fit-tmexxija ta' Crown Hotels.

Xehed illi ghaliex kien direttur ta' O'Connors, huwa ma kienx involut fitt-mexxija tieghu izda wara li ra certu afarijiet inkluz in-nuqqas tal-hlas tal-VAT ha l-affarijiet f'idejh u hallas hu dak li kien dovut.

Ikkunsidrat:-

Illi l-prosekuzzjoni f'din il-kawza ma gabitx xrara ta' evidenza u b'xi mod turi illi l-imputat approprija ruhu mill-fondi u dawwarhom bi profitt ghalih.

L-uniku prova li hemm turi in effett l-oppost ta' dana kollu il-ghaliex l-partners tieghu (ex Price Club Directors) hallewh fi gwaj finanzjarju u l-imputat kif gie mgharraf b'dana kollu hallas kollox min butu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------